**39. Il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern jipproponi**:-

Peress illi l-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji (Kap. 394) daħal fis-seħħ fit-2 ta' Ġunju 1997 u peress li skond l-artikolu 4 ta' l-istess Att, it-terminu tat-twaqqif tat-Tribunal imwaqqaf fl-istess Att kellu jiskadi erba' snin wara, *cioe'* fl-1 ta' Ġunju 2001;

Peress illi b'riżoluzzjoni ta' din il-Kamra approvata fit-22 ta' April 2002 dak it-terminu ġie estiż b'sena oħra u issa sejjer jiskadi fl-1 ta' Ġunju 2003;

Peress illi skond l-istess artikolu tal-liġi dak iż-żmien jista' jiġi estiż b'riżoluzzjoni tal-Parlament għal perijodi ta' mhux aktar minn sena oħra;

Peress illi hu desiderabbli li t-Tribunal imwaqqaf bl-Att imsemmi jibqa' jaħdem biex jiddeċiedi l-kawżi li għadhom pendenti quddiemu;

Għalhekk din il-Kamra tirriżolvi li ttawwal b'sena t-twaqqif tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji mwaqqaf bl-Att dwar it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' l-Inġustizzji liema sena tibda tgħodd wara li jiskadi t-terminu odjern ta' l-Att imsemmi.

24.05.03